# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 243/18/1 MH**

**Richard Vella**

**v.**

**Brigitte Vella**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Brigitte Vella minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Mejju, 2019, fejn fiha ġiet miċħuda eċċezzjoni dwar is-siwi tal-kawża mibdija mill-attur Richard Vella.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-15 ta' Marzu, 2018, l-attur Richard Vella fisser li huwa divorzjat mill-konvenuta Brigitte Vella. Jgħid li l-konvenuta għandha l-użu esklussiv tal-post bl-isem '*Jodorida*', fi Triq tal-Gardiel, Wied il-Għajn, li huwa ġid parafernali tiegħu. Isostni li l-konvenuta rrifjutat milli ttih aċċess biex ikun jista' jispezzjona dan il-post. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara, li l-esponent huwa intitolat skont il-liġi illi jispezzjona l-fond hawn fuq imsemmi;*
>
> *2. Tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss takkorda l-aċċess opportun, fil-jum u l-ħin li jiġu stabbiliti tramite perit arkitett għaf-favur tal-esponent in rigward tal-proprjetà, 'Jodorida', fi Triq tal-Gardiel, Wied il-Għajn, fuq imsemmija sabiex issir spezzjoni tal-istess proprjetà;*
>
> *3. Fil-każ illi l-konvenuta tonq os, tagħti l-provvedimenti kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi mwettaq id-dritt tal-esponent li jispezzjona l-proprjetà tiegħu;*
>
> *Bl-ispejjeż u bil-konvenuta inġunta in subizzjoni.»*

3. Il-konvenuta Brigitte Vella wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fl-20 ta' April, 2018 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi l-attur naqas milli jindika fuq liema provvediment tal-liġi qiegħed javvanza l-pretensjonijiet tiegħu illi jaċċessa l-imsemmi fond flimkien ma' Perit Arkitett.*
>
> *2. Illi minkejja 'il fuq imsemmi, l-esponenti ma ssib l-ebda oġġezzjoni sabiex Perit Arkitett maħtur mill-Qorti jaċċessa l-imsemmi fond sabiex jirrelata fuq il-kundizzjoni ta' dan il-fond jekk l-ispejjeż għal dan l-inkarigu jkunu għall-attur.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandu jbatihom unikament l-attur li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2018 (ara paġna 53 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddikjarat li qiegħda tħalli l-kawża biex tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

5. B'sentenza parzjali mogħtija fl-24 ta' Mejju, 2019 l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

> *« Il-kontendenti kienu miżżewġin u l-fond residenzjali tagħhom kien ġewwa proprjetà fi Triq il-Gardiel, Wied il-Għajn li hija proprjetà parafernali tal-attur. Wara li l-partijiet isseparaw il-konvenuta baqgħet tgħix ġewwa din ir-residenza. L-attur intavola l-proċeduri odjerni sabiex jottjeni l-permess tal-Qorti biex jispezzjona l-fond imsemmi permezz ta' perit.*
>
> *Min-naħa tagħha fil-mertu l-konvenuta tiddikjara fost affarijiet oħra li nonostante l-fatt li diġà kienet għarrfet lill-attur dwar l-eżistenza ta' żewġ rapporti peritali li jikkonfermaw li l-fond imsemmi jinsab fi stat tajjeb, hija ma kellha ebda oġġezzjoni sabiex perit arkitett imqabbad mill-Qorti jagħmel aċċess u jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-fond purché jkun l-attur li jħallas l-ispejjeż. L-ewwel eċċezzjoni mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk: -*
>
>> *«Illi l-attur naqas milli jindika fuq liema provvediment tal-liġi qiegħed javvanza l-pretensjonijiet tiegħu illi jaċċessa l-imsemmi fond flimkien ma' Perit Arkitett;»*
>
> *B'reazzjoni għal din l-eċċezzjoni l-attur jargumenta li la b'effett tas-sentenza ta' separazzjoni legali ġie konċess lill-martu li tkompli tabita fil-fond inkwistjoni hija ngħatalha d-dritt t'abitazzjoni a tenur tal-artikolu 389 sa 399 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn id-dispożizzjonijiet jesiġu li l-utent ta' dan id-dritt għandu jaġixxi bħala bonus pater familias u għandu l-obbligu li jwettaq it-tiswijiet ordinarji hekk kif inhu obbligat l-użufruttwarju. Dawn l-obbligi jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-proprjetarju tal-fond ikun protett waqt li t-terz qiegħed igawdi d-dritt t'abitazzjoni. Bħala korollarju inevitabbli tal-protezzjoni tal-liġi riedet tiżgura għall-proprjetarju ta' fond soġġett għad-dritt ta' abitazzjoni l-intitolament li jitlob aċċess fil-fond skont modalitajiet xierqa li ma joħolqux interferenza mat-tgawdija opportuna tal-fond.*
>
> *Il-konvenuta targumenta li filwaqt li fir-rikors ġuramentat l-attur premetta li huwa kien intitolat li jispezzjona l-fond "skont il-liġi" huwa naqas milli jindika liema liġi tagħtih dan id-dritt nonostante li kellu l-opportunità li jagħmel dan. B'referenza għall-artikoli tal-liġi ndikati mill-attur, il-konvenuta tgħid li huwa xorta naqas milli jistipola illi l-liġi*

*tagħtih xi tip ta' dritt li matul it-terminu li fih hija qiegħda tgawdi d-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-fond, huwa għandu xi jedd bil-liġi li jaċċedi fil-fond inkwistjoni. Fil-fatt, skont il-konvenuta l-provvedimenti tal-liġi msemmija jobbligaw lill-utent jaġixxi bħala bonus pater familias u, jekk l-utent jonqos milli jagħmel dan, is-sid jista' jieħu biss azzjoni meta jiġi tterminat id-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-utenti. Hija tal-fehma li la l-leġislatur ma speċifikax dan id-dritt a favur is-sid kif għamel f'ċirkustanzi oħra allura dan mhuwiex estiż għall-fattispeċje tal-każ odjern.*

*Il-Qorti tibda billi tosserva li kif anke ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza, l-obbligu tal-liġi fuq min jintavola proċeduri fil-Qrati mhuwhiex li jindika bil-punt u l-virgola l-artikolu fil-liġi li fuqu qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu, iżda li jindika b'mod ċar u sewwa x'inhu l-oġġett tal-azzjoni, ir-ragunijiet tat-talba tiegħu u li jelenka t-talbiet tiegħu.*

*Fil-każ* ***Michael Barwani pro et noe v. Kummissarju tat-Taxxi*** *deċiż fil-25 ta' Jannar 2016, il-konvenut kien ressaq eċċezzjoni dwar in-nuqqas tal-attur li jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq dispożizzjoni tal-liġi u eċċepixxa li l-istess attur kellu jindika a bażi ta' liema artikolu/i tal-liġi hija msejsa l-azzjoni.*

*Il-Qorti kienet qalet li dik l-eċċezzjoni: -*

> *«……mhix sostenibbli billi fir-rit proċedurali tagħna r-rikorrent huwa tenut jesponi b'mod ċar il-fattispeċje tal-każ u t-talba u xejn iktar minn hekk. Sta għall-Qorti li tindika l-liġi applikabbli.»*

*Fil-każ* ***Jonathan Ellul et v. Jesmond Mercieca et*** *deċiż fl-14 ta' April 2016 ingħad hekk: -*

> *«Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri (App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tabone v. DeFlavia (Kollez. Vol: XLII.i.87)****). Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża (App 30/03/1998 fil-kawża fl-ismijiet* ***Raymond Bezzina v. Anthony Galea*** *(mhix pubblikata)). B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura ma jistax jingħad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-proċedura ma tkunx tista' tiġi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet (PA 24/06/1961 fil-kawża fl-ismijiet* ***Falzon v. Spiteri et (Kollez. Vol: XLV.ii.696)****).»*

*Imbagħad fil-każ* ***George Micallef v. Anthony Grima et*** *deċiż fid-29 ta'April 2016 il-Qorti tal-Appell qalet hekk: -*

> *«In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti prinċipji identifikati mill-ġurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti għad-determinazzjoni tal-vertenza soġġett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-*

*azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti ta' l-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju [**Vol.XXXIV.III.746**].*

*...*

*"Biex tiġi fissata n-natura vera tal-azzjoni li tigi eżerċitata wieħed irid iħares mhux lejn il-kliem kemm <u>lejn dak li sostanzjalment ġie mitlub</u> biċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta. Vol.lXXXV.II.776]." [App.S **Carmelo Scicluna et v. Angelo Scicluna**, 27 Frar 2015].»*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum l-Qorti ma ssibx diffikultà biex tagħraf li r-rikors promotur huwa mfisser b'mod ċar u l-bażi tal-azzjoni tal-attur hija ben deduċibbli in kwantu huwa qiegħed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti li huwa intitolat skont il-liġi li jispezzjona l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri (proprjetà parafernali tiegħu) u li fih illum tgħix martu, kif ukoll li l-Qorti tordna lill-istess konvenuta sabiex fi żmien qasir prefiss mill-Qorti takkordalu l-aċċess opportun a favur tiegħu tramite perit biex issir l-ispezzjoni msemmija.*

*Din it-tifsira hija oltreché biżżejjed biex tissodisfa l-vot tal-liġi għall-validità tar-rikors ġuramentat, anke fid-dawl tal-ġurisprudenza kwotata, mingħajr il-ħtieġa li jiġi indikat xi artikolu tal-liġi speċifiku. Il-fatt li sussegwentement fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-attur amplifika u elabora ulterjorment fuq il-bażi tal-azzjoni tiegħu u anke indika artikoli tal-liġi li minnhom jiskatta d-dritt pretiż minnu għall-aċċess fil-fond inkwistjoni ma jbiddel assolutament xejn mill-validità oriġinali tar-rikors promotur.*

*Fid-dawl tas-suespost ma hemm ebda lok li tintlaqa' din l-eċċezzjoni.»*

6. B'digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2019 (ara paġni 76 sa 79 tal-atti tal-kawża), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat permess lill-konvenuta Brigitte Vella taħt l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex tkun tista' tappella minn din is-sentenza parzjali.

7. L-appell tal-konvenuta Brigitte Vella tressaq fit-2 ta' Diċembru, 2019 u fih hija talbet għat-tħassir tas-sentenza parzjali tal-24 ta' Mejju, 2019, u biex minflok tiġi milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tagħha u b'hekk jiġu

miċħuda t-talbiet tal-attur.

8. Fl-aggravju waħdieni tagħha l-konvenuta targumenta li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin l-eċċezzjoni tagħha. Tisħaq li l-eċċezzjoni tagħha ma kinitx li r-rikors maħluf huwa null għaliex ma ġiex indikat l-artikolu tal-liġi li fuqu tnediet l-azzjoni. Mod ieħor tgħid illi l-eċċezzjoni tagħha kellha tiġi interpretata fis-sens li l-attur m'għandux f'idejh artikolu tal-liġi, li fuq is-saħħa tiegħu, huwa seta' jmexxi bit-talbiet tiegħu biex jingħata aċċess biex jispezzjona l-post li dwaru l-konvenuta tgawdi l-jedd ta' abitazzjoni.

9. L-attur Richard Vella wieġeb għal dan l-appell fid-19 ta' Settembru, 2023, u qal li dan l-appell mhux biss għandu jiġi miċħud, iżda għandu jitqies bħala wieħed li hu fieragħ u vessatorju, bil-konsegwenza li l-konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn.

10. Inżamm smigħ fil-5 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum .

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-appell li għandha quddiemha din il-Qorti huwa dwar l-ewwel eċċezzjoni li tat il-konvenuta Brigitte Vella fir-risposta maħlufa tagħha.

F'din l-eċċezzjoni, il-konvenuta qalet illi l-attur naqas milli jindika fuq liema provvediment tal-liġi huwa kien qiegħed jippretendi li jidħol biex jivverifika jekk il-post bl-isem, '*Jodorida*', fi Triq tal-Gardiel, Wied il-Għajn, qiegħedx jinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija jew le.

12. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur huwa sid ta' dan il-post, filwaqt li l-konvenuta għandha l-jedd ta' użu tiegħu.

13. Issa l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni għaliex qalet li skont il-liġi m'hemmx bżonn li fir-rikors maħluf jissemma l-artikolu tal-liġi li fuqu saret il-kawża.

14. Din il-Qorti wkoll ma tistax ħlief taqbel hawnhekk ma' din il-konklużjoni. Tassew il-liġi ma titlobx li rikors maħluf għandu jgħid jew isemmi fuq liema dispożizzjoni tal-liġi tkun saret azzjoni ġudizzjarja (ara fost oħrajn, ***U.C.I.M. Company Limited v. Nathan Martin*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2001 u ***John Fiteni v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006).

15. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Electronic Products Limited v. Emanuel Micallef et*** maqtugħa fil-25 ta' Ottubru, 2013:

> *«imkien fil-liġi ma hu impost xi obbligu fuq attur li fl-att promotorju tal-ġudizzju jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu jkun qed jibbaża l-meritu*

*tat-talba tiegħu. Il-liġi tesiġi biss tifsira ċara u sewwa tal-fatti li minnhom toriġina l-kawża u l-kawżali li jagħtu lok għall-istess talba li jiġġustifikawha.»*

16. Dak li huwa meħtieġ bil-liġi skont l-**Artikolu 156(1)(a)** u **(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** huwa li l-premessi, it-talbiet u r-raġunijiet għaliex ikunu qegħdin isiru dawk it-talbiet fir-rikors maħluf, ikunu ġew imfissra b'mod ċar u tajjeb biżżejjed sabiex il-konvenut ikun jista' jifhem għaliex huwa ġie mħarrek fil-kawża, biex b'hekk huwa jitpoġġa f'qagħda li jkun jista' jwieġeb għaliha.

17. Il-konvenuta appellanta tisħaq li hija taqbel ukoll ma' din il-pożizzjoni, imma tgħid fl-appell tagħha, li t-tifsira tal-eċċezzjoni tagħha ma kinitx li r-rikors maħluf huwa null minħaba li fih ma ġiex imsemmi l-artikolu tal-liġi. Ittenni minflok li t-tifsira tal-eċċezzjoni tagħha kienet li l-attur ma jistax jissokta bl-azzjoni tiegħu għaliex ma jeżisti l-ebda artikolu fil-liġi li jagħtih il-jedd li jitlob li jidħol ġo post li huwa soġġett għall-jedd ta' użu u abitazzjoni sabiex ikun jista' jispezzjonah.

18. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod taħli wisq ħin biex twarrab minn quddiemha dan l-appell li ma fihx wisq sugu.

19. Huwa minnu li fl-**Artikoli 389** u **399 tal-Kodiċi Ċivili** li jitkellmu fuq l-użu u fuq l-abitazzjoni, m'hemmx dispożizzjoni simili bħal dik li nsibu fl-**Artikolu 1548A tal-Kodiċi Ċivili** dwar il-jedd tas-sid li jingħata aċċess fil-

post li jkun ġie mikri minnu. B'daqshekk però dan ma jfissirx li sid ta' post suġġett għall-jedd ta' użu u abitazzjoni, ma jistax jirrikorri quddiem il-Qorti biex jingħata aċċess f'ġidu, minħabba nuqqas ta' ftehim mal-użwarju, ħalli b'hekk huwa jkun jista' jivverfika l-istat ta' tiswija ta' ġidu.

20. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li skont l-**Artikolu 389 tal-Kodiċi Ċivili** l-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni jintilfu bl-istess mod bħall-jedd ta' użufrutt. Illi skont l-**Artikolu 379 tal-Kodiċi Ċivili** l-jedd ta' użufrutt jista' jispiċċa jekk l-użufruttwarju jinqeda ħażin bil-jeddijiet tiegħu sew billi jagħmel ħsarat fil-fondi, jew billi jħallihom jitgħarrqu minħabba nuqqas ta' tiswijiet ordinarji.

21. Ifisser għalhekk li bit-tħaddim tal-**Artikoli 379** u **389 tal-Kodiċi Ċivili**, sid ta' post suġġett għall-jedd ta' użu u abitazzjoni jista' jitlob it-tmiem ta' dawk il-jeddijiet, jekk juri li l-użwarju jkun wettaq ħsarat fil-fond jew ma jkunx ħa ħsieb jagħmel it-tiswijiet ordinarji.

22. Rilevanti ħafna f'dan is-sens, kif sewwa indika l-attur appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li dak li għandu l-jedd ta' użu jew ta' abitazzjoni għandu jgawdih bħal missier tajjeb ta' familja (ara **Artikolu 396 tal-Kodiċi Ċivili**) u għandu jagħmel it-tiswijiet ordinarji (ara **Artikolu 397(1) tal-Kodiċi Ċivili**).

23. Sid ta' ġid immobbli, bħalma huwa l-attur appellat, għandu kull interess għalhekk li jiżgura jekk il-konvenuta hijiex qiegħda tħares dawn l-obbligi legali tagħha li tieħu ħsieb tal-post miżmum minnha, għaliex jekk le, huwa jkollu l-jedd li jitlob li jittermina l-jedd ta' użu u abitazzjoni.

24. Naturalment biex is-sid ikun jaf dwar l-istat ta' tiswija li jinsab fih il-post, huwa għandu jingħata aċċess għalih. Jekk dan l-aċċess ma jingħatax mill-użwarju, is-sid għandu kull jedd li jitlob lill-Qorti sabiex din tiffissa ġranet, ħinijiet u kundizzjonijiet dwar kif jista' jsir dan l-aċċess.

25. Tgħid ħażin għalhekk l-appellanta Brigitte Vella, li l-attur Richard Vella ma jistax bil-liġi jitlob li jingħata aċċess biex jivverifika l-istat attwali ta' ġidu. Għad li m'hemmx artikolu speċifiku li jsemmi dan il-jedd ta' aċċess, madankollu meta wieħed iqis u jinterpreta l-artikoli tal-liġi rilevanti fuq imsemmija, wieħed ma jistax ħlief jasal għall-fehma li sid għandu kull jedd li jitlob li jidħol biex jara l-istat ta' tiswija ta' ġidu, f'każ li l-użwarju jkun qiegħed iċaħħdu minn dan l-aċċess jew f'każ li l-użwarju ma jkunx jista' jinstab.

26. F'dan is-sens għalhekk l-appell qiegħed jiġi miċħud.

27. Din il-Qorti tagħlaq billi tistqarr li ma tistax tifhem għaliex l-appellanta Brigitte Vella ħasset il-bżonn li tinvolvi lil din il-Qorti tal-Appell

u b'hekk tawlet għalxejn dawn il-proċeduri, meta fit-tieni eċċezzjoni tagħha hija qalet li m'għandhiex oġġezzjoni li tagħti aċċess lill-attur appellat.

28. Appell bħal dan sewa biss biex ġiegħel lil din il-Qorti toqgħod tidħol f'eżerċizzju akkademiku. Eżerċizzju dan, li kif rajna ntalab fil-vojt għaliex huwa naturali li sid ta' post għandu jkollu l-jedd li jitlob lill-Qorti biex ikun jista' jispezzjona l-istat ta' ġidu.

29. Bix-xieraq għalhekk, li kif talab l-attur appellat, il-konvenuta appellanta għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell ta' Brigitte Vella, b'dana li hija għandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għal darbtejn minħabba li l-appell tagħha kien wieħed fieragħ u vessatorju.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

ħalli tkompli bil-kawża.

| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da